F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li tat prova b'mod xieraq u sufficjenti, f'diversi proċeduri ta' awtorizzazzjoni, li l-addittiv fl-ikel tal-annimali mmanifatturat minnha skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1831/2003 ma għandu l-ebda effett dannuż fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, jew fuq l-ambjent. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel ma kkonfutawx dawn id-dikjarazzjonijiet.

(4) Ksur tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 [2]

Fil-kuntest ta' tali motiv, ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li r-regolament ikkontestat ma huwiex ibbażat fuq analiżi korretta u kompleta tar-riskji.

(5) Ksur tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002

F'din il-kawża, ir-rikorrenti ssostni, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni lanqas ma tista' tiġġustifika r-regolament ikkontestat permezz tal-prinċipju ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 178/2002. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li anki jekk ikollu jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' prekawzjoni, ir-regolament ikkontestat jikser ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 178/2002.

(6) Ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea

F'dan il-każ, ir-rikorrenti tallega ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju, tad-dritt għal smigħ xieraq u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

(7) Ksur tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1831/2003

Fil-kuntest ta' tali motiv, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli ma osservatx it-terminu ta' xahrejn previst fl-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1831/2003 għar-reviżjoni ta' deċiżjonijiet meħuda jew ommessi tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel u li l-Kummissjoni tat deċiżjoni dwar it-talba tar-rikorrenti għal reviżjoni mill-Awtorità biss wara li ġie adottat ir-regolament ikkontestat.

[1] Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 2003, fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 238)

[2] Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463)

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' April 2013 — Portugal Telecom vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-208/13)**

(2013/C 164/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Portugal Telecom SGPS, SA (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: N. Mimoso Ruiz u R. Bordalo Junqueiro, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2013) 306, u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża u għall-ispejjeż imġarba mir-rikorrenti;

— sussidjarjament, tnaqqas il-multa imposta fuq ir-rikorrenti, skont l-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Id-deċiżjoni kkontestata tistabbilixxi li Portugal Telecom u Telefónica S.A. kisru l-Artikolu 101 TFUE billi inkludew id-disa' klawżola fil-ftehim ta' xiri min-naħa ta' Telefónica S.A. ta' pakkett ta' azzjonijiet ta' Brasilcel NV fil-pussess ta' Portugal Telecom, li l-Kummissjoni interpretat bħala ftehim li jipprekludi l-kompetizzjoni indipendenti mit-tranżazzjoni inkwistjoni.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv dwar il-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali:

— ir-rikorrenti tqis li d-Deċiżjoni hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni inkwantu l-motivazzjoni rispettiva fiha ommissjoniijiet, impreċiżjonijiet u żbalji fir-rigward ta' punti essenzjali li jinvalidaw mingħajr soluzzjoni l-konklużjonijiet tagħha.

— ir-rikorrenti tqis ukoll li d-Deċiżjoni hija vvizzjata bi provi insuffiċenti, inkwantu l-Kummissjoni ma pproduċiet l-ebda forma ta' prova li tinvalida l-prova prodotta mir-rikorrenti u li minnha jirriżulta li l-klawżola 9 tal-Ftehim tinkludi obbligu ta' nuqqas ta' kompetizzjoni li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kif ġiet fis-seħħ, ma tistax isir effettiva mingħajr ma tiġi vvalidata minn qabel miż-żewġ partijiet.

— ir-rikorrenti tqis ukoll li l-klawżola 9 tal-Ftehim ma tistax tiġi kkwalifikata bħala restrizzjoni minħabba l-għan u li l-Kummissjoni ma pprovatx, kif suppost għamlet, l-eżistenza, attwali jew potenzjali, ta' effetti restrittivi li jistgħu jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni.

(2) It-tieni motiv dwar il-ksur tat-Trattat u tad-dritt li jikkonċerna l-applikazzjoni tiegħu:

— ir-rikorrenti tqis li d-Deċiżjoni tikser id-dritt tal-Unjoni inkwantu hija vvizzjata minħabba:

(a) żball manifest fir-rigward tal-fatti, tal-prova u ta' suffiċjenza tal-provi, inkwantu l-Kummissjoni tevalwa u tinterpreta b'mod żbaljat id-data pprovduta mill-partijiet fil-kawża u, konsegwentement, ma siltitx l-iktar informazzjoni plawżibbli mill-informazzjoni pprovduta fl-atti;

(b) żball fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u ksur konsegwenti tal-imsemmija dispożizzjoni, inkwantu l-Kummissjoni kkwalifikat b'mod infondat u żbaljat lill-partijiet bħala kompetituri potenzjali fis-swieq allegatament koperti mill-obbligu ta' nuqqas ta' kompetizzjoni inkwistjoni b'mod ġenerali; fejn l-imsemmi obbligu ma setax jiġi kkwalifikat bħala restrizzjoni minħabba l-għan u l-Kummissjoni ma ħaditx ħsieb turi ġew prodotti tali effetti;

(c) ksur tad-dmir ta' investigazzjoni u li tesprimi ruħha, inkwantu d-Deċiżjoni ma tindirizzax u lanqas ma tikkonfuta numru ta' argumenti rilevanti ppreżentati mill-partijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni;

(d) ksur tal-prinċipju *in dubio pro reo*, inkwantu l-Kummissjoni tqis bħala ċerti, fatti kontra r-rikorrenti li fir-rigward tagħhom jeżistu dubji kunsiderevoli u li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni nnifisha ma għandhiex ċertezzi.

(e) ksur tal-prinċipji li għalihom ivvinkolat ruħha l-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-multi, skont il-punt 13 tal-linji gwida tagħha f'dan ir-rigward, inkwantu l-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tal-multa tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi b'mod ġenerali, indipendentement minn jekk jinsabux jew le fil-Peniżola Iberika, fejn injorat ukoll il-fatt li, fi kwalunkwe każ, l-allegat ksur ma kompliex wara d-29 ta' Ottubru 2010;

(f) ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni u tal-kriterji li għandhom jiġu osservati fl-applikazzjoni ta' multi.

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2013 — Ferracci vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-219/13)

(2013/C 164/39)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrent:* Pietro Ferracci (San Cesareo, l-Italia) (rappreżentanti: A. Nucara u E. Gambaro, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla, skont l-Artikolu 263 TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2012;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors qiegħed jiġi ppreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 9461 final, li tiddikjara inkompatibbli mas-suq intern, mingħajr madankollu ma tordna l-irkupru tagħha, l-għajnuna mogħtija, fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa kommunali fuq il-proprjetà immobbli (ICI), lil entitajiet mhux kummerċjali li jeżerċitaw attivitajiet speċifiċi, u li tiddikjara li t-trattament favorevoli mogħti lill-Knisja u lil numru ta' assoċjazzjonijiet sportivi permezz tal-Artikolu 149 tat-Testo unico delle imposte sul reddito (Kodiċi dwar it-taxxi fuq id-dħul, iktar 'il quddiem it-"TUIR"), u l-eżenzjoni mit-taxxa muniċipali fuq il-proprjetà immobbli (iktar 'il quddiem l-"IMU") mogħtija lil ċerti entitajiet li jeżerċitaw attivitajiet speċifiċi ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur, applikazzjoni ħażina u interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

— F'dan ir-rigward, qiegħed jiġi sostnut li l-konvenuta, minkejja li kkonstatat ksur tal-Artikoli 107 u 108 TFUE, ma ordnatx l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat imsemmija iktar 'il fuq. F'dan id-dawl, ir-rikorrent isostni li ma teżisti ebda ċirkustanzi eċċezzjonali li tista' twassal sabiex ikun assolutament impossibbli li jsir l-irkupru u li, fi kwalunkwe każ, tali impossibbiltà assoluta ma ġietx stabbilita.